# LECTIO DIVINA
# Ir-IV Ħadd tal-Għid
Sena B

## Ġw 10:11-18

**Kuntest:**
Din is-silta, parti mill-kapitlu 10 ta' Ġw, tiġi wara r-rakkont tal-fejqan tal-agħma mit-twelid. Ir-rakkont jintemm b'kundanna tal-għama spiritwali ta' dawk li, minkejja li jaraw b'għajnejhom, jibqgħu ma jemmnux. L-ewwel parti ta' Ġw 10 (vv.1-21) hi indirizzata propju lil dawk li għandhom għajnejhom miftuħin iżda ma jirnexxilhomx "jaraw". Hi llum indirizzata lilna, li qed niġu ffurmata miex insiru ragħajja-mexxejja, biex aħna ma nkunux b'għajnejna miftuħa imma fid-dlam. Permezz tas-"sinjali", Ġesù jrid jgħinna "naraw" lilu u "nemmnu" fih biex inkunu bħalu u ħaġa waħda fih. Fi Ġw, tara jfisser temmen f'Ġesù, biex permezz tal-fidi tikseb il-ħajja fih. Dan kien l-għan tar-rakkont evanġeliku, kif insibu fi tmiem l-ewwel għeluq tal-Vanġelu (Ġw 20:29-31).

Ġw 10 jippreżenta lil Ġesù permezz ta' żewġ allegoriji: Ġesù, il-"Jiena hu", hu l-bieb u r-ragħaj. Iż-żewġ allegoriji huma intimament marbuta ma' xulxin: Ġesù hu r-ragħaj li jmexxi lejn il-ħelsien (ara Ġw 8:32), li jiftaħ il-bibien tal-għeluq, li joħroġ mid-dlam. F'kuntrast mal-mexxejja għomja (imsejħin fi Ġw 10 "barranin-ħallelin-mikrija"), li kienu jisfruttaw il-merħla għall-interessi personali u għall-poter (ara Ġw 10:10), ir-ragħaj veru hu dak li jagħti l-ħajja permezz tal-għotja tiegħu nnifsu għall-merħla (ara Eżek 34). Hemm għażla bejn li timxi wara l-Mulej li jagħti l-ħajja (ara Salm 23) jew timxi warajk innifsek lejn il-mewt (ara Salm 49:14-15).

Hekk Ġesù jsir mudell ta' kif ikun ir-ragħaj fil-komunità tad-dixxipli (ara 1 Piet 5:1-3). Hu essenzjalment ragħaj li jingħata u jagħti ħajtu: hu ragħaj-"vittma" li, waqt li ma jagħmel xejn minn rajh imma kollox f'ubbidjenza għall-Missier (ara Ġw 5:30; 7:28; 8:28), kapaċi jagħti ħajtu minn rajh, b'imħabba u libertà sħiħa (Ġw 10:18). Imma biex insiru ragħajja li nagħtu ħajjitna (permezz tal-*caritas pastoralis*), jeħtieġ nitgħallmu qabelxejn inkunu "nagħaġ" li jafu joqogħdu fil-maqjel, jitgħallmu jagħrfu leħen ir-Ragħaj u jimxu warajh. Jeħtieġ għalhekk, bħal Marija, noqogħdu f'riġlejh biex jgħallimna nsiru bħalu – *alter Christus* – u nagħmlu bħalu – *in persona christi capitis* (ara Ġw 13:15; PDV 33; KKK 1548). Hu li hu l-bieb, isejħilna biex nidħlu f'qalbu; isejħilna niftħu l-bieb ta' qalbna (ara Apok 3:20), biex Hu jidħol f'qalbna u jgħallimna nimxu lejn mergħat kollhom ħdura (Salm 23:2) biex "nissemmnu" b'ħaxix bnin.

**(Ġesù qal:) 11"Jiena r-ragħaj it-tajjeb.**
L-immaġni tar-ragħaj tiġbor fiha t-tematika biblika ta' Alla bħala r-ragħaj-mexxej ta' Iżrael. Fi Ġw Grieg, insibu l-kelma "sabiħ" (Ἐγώ εἰμι ὁ ποιμὴν ὁ καλός - Egó eimi o poimín o kalós). "Sabiħ" tfisser veru, awtentiku, tajjeb, jaf jagħmel xogħolu sewwa. Imma timplika wkoll d-dimensjoni intellettiva u affettiva, jiġifieri dak li għandu l-qawwa li jiġbidna, li jsaħħarna, li jissodisfana. Santu Wistin diġà jitkellem mid-delectatio victrix (conquering delight) – il-grazzja ta' Alla li ssaħħarna u tiġbidna lejH. Aħna jeħtieġ ninnamraw ma' Kristu, biex ngħinu lil ħaddieħor jinnamra miegħu.

> *There is nothing more beautiful than to be surprised by the Gospel, by the encounter with Christ. There is nothing more beautiful than to know Him and to speak to others of our friendship with Him. The task of the shepherd, the task of the fisher of men, can often seem wearisome. But it is beautiful and wonderful, because it is truly a*

*service to joy, to God's joy which longs to break into the world.* (Benedict XVI, Homily. Mass for the inauguration of the Pontificate. 24 April 2005)

*The joy of the gospel fills the hearts and lives of all who encounter Jesus. Those who accept his offer of salvation are set free from sin, sorrow, inner emptiness and loneliness. With Christ joy is constantly born anew.* (EG 1)

*The summit, the archetype of beauty manifests itself in the face of the Son of Man crucified on the Cross of sorrows, Revelation of infinite love of God who, in His mercy for His creatures, restores beauty lost with original sin. "Beauty will save the world,"* because this beauty is Christ, the only beauty that defies evil, and triumphs over death. By love, the "most beautiful of the children of men" became "the man of sorrows", "without beauty, without majesty no looks to attract our eyes" (Is, 53, 2) and so he rendered to man, to each and every man the fullness of His beauty, His dignity and His true grandeur. In Christ, and only in Him, our* via crucis *is transformed into His in the* via lucis *and the* via pulchritudinis." (Pontifical Council for Culture, Concluding Document of the Plenary Assembly. "The *Via Pulchritudinis*, Privileged Pathway for Evangelisation and Dialogue", 2006, Conclusion.)

(* Fyodor Dostoevsky, *The Idiot)*

**Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.**
It-tjubija/is-sbuħija tar-Ragħaj tiġi murija fl-għotja tiegħu nnifsu għall-merħla. Hi l-imħabba li ssir għotja. L-għotja tieħu diversi tifsiriet; ma tfissirx biss li wieħed jagħti ħajtu fis-sens li jmut. Tfisser ukoll: jieħu ħsieb, jikkura, iserraħ, jitma', jgħallem, ifejjaq, iħaddan, ibierek, jipproteġi, jiddefendi, jaħfer, ifarraġ, jitma', ... Huma kollha azzjonijiet verbali li juru l-kapaċità li "toħroġ" minnek innifsek biex "tmur" lejn xi ħadd ieħor, biex taqsam ħajtek mal-oħrajn, biex isservi, għax min iżomm ħajtu għalih, jitlifha (ara Mt 10:39; 16:25; Mk 8:35; Lq 9:24; 17:33; Ġw 12:25). Ir-riskju hu li nsiru bħar-ragħajja l-għomja, li kollox kien għas-servizz u l-kumdità tagħhom. Malajr insibu l-iskużi u l-ġustifikazzjonijiet: għax ma jifhmunix, għax ma japprezzawnix, għax ħaddieħor qiegħed komdu, għax dejjem jien...

**[12]Il-mikri, li mhuwiex ir-ragħaj, u li n-nagħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-nagħaġ u jaħrab; ... [13]Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ.**
Hawn jinħoloq kuntrast bejn ir-ragħaj li għandu l-merħla u dak li hu mikri. It-tnejn għandhom "interess" fil-merħla: tal-wieħed immotivat mill-imħabba; tal-ieħor mill-gwadann. Ir-ragħaj hu dak li għandu *a sense of belonging to* u mhux *a sense of ownership of*. Il-merħla hi tar-ragħaj, imma r-ragħaj hu tal-merħla wkoll. Ir-ragħaj hu għall-merħla, daqskemm il-merħla hi għar-ragħaj. M'hemmx ragħaj mingħajr il-merħla: il-merħla hi ħajtu; ħajtu hi l-merħla. Tant li r-ragħaj hu fl-istess ħin 'ħaruf' li jiġi mibgħut propju qalb l-ilpup biex jingħata għall-merħla (Lq 10:3)!

Il-mikri jaħseb għal ġildu. Il-mikri ma jħoss xejn tiegħu: ħadem, tħallas u telaq. M'hemmx relazzjoni; m'hemmx imħabba; m'hemmx għotja tiegħu nnifsu; m'hemmx interess fl-oħrajn. Jaħdem biss għall-interessi tiegħu. L-ewwel bniedem bidel il-pjan ta' Alla biex, minflok "jaħdem" l-art biex tagħti l-frott, "jaħkem" l-art u jiekol il-frott li jrid. Hemm riskju li flok inkun parti mill-poplu ta' Alla u qaddej tal-poplu ta' Alla, insir ħakkiem tal-merħla, jew ħaddiem imħallas.

*One of the problems facing our societies today is the sense of being orphaned, of not belonging to anyone. This 'postmodern' feeling can seep into us and into our clergy.*

***We begin to think that we belong to no one****; we forget that we are part of God's holy and faithful people and that the Church is not, nor will it ever be, an élite of consecrated men and women, priests and bishops. Without this consciousness of being a people, we are not able to sustain our life, our vocation and our ministry. […] The lack of consciousness of belonging to God's faithful people* ***as servants, and not masters****, can*

*lead us to one of the temptations that is most damaging to the missionary outreach that we are called to promote: clericalism, which ends up as a caricature of the vocation we have received.* (Francis, Greeting of the Holy Father. Meeting with Bishops. Apostolic Journey of His Holiness Pope Francis to Chile and Perù 2018)

**[12]... u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom**

Ir-ragħaj hu dak li jiġbor u jgħaqqad, hu dak li jibni (ara Ġw 11:52; Eżek 34:12). Il-ħidma tal-lupu bil-maqlub hi kontra l-għaqda. Il-lupu jbeżża' u joħloq firda, diviżjoni. Jipprova jidrob ir-ragħaj biex il-merħla titferrex (ara Mt 26:31; Żak 13:7): *divide et impera*. Hekk ġralhom l-Appostli, fl-arrest u l-mewt ta' Ġesù. Beżgħu u xterdu bla direzzjoni. Kulħadd jistaħba biex isalva ġildu. Aktar tard, meta sabu l-kuraġġ u rebħu l-biża', xterdu mill-ġdid iżda b'direzzjoni ċara: dik li jxandru l-Vanġelu. Anke l-biża' permezz tal-prepotenza u l-firda jistgħu jintużaw bħala arma biex nikkmanda, biex naħkem fuq l-oħrajn.

F'ċertu sens, nistgħu ngħidu li "il-lupu" jiddetermina jekk aħniex ragħajja jew mikrija, jekk għandniex kuraġġ jew biża', jekk għandniex imħabba jew le, jekk naħsbux fl-oħrajn jew fl-interessi tagħna! Kif jgħid San Ġorġ Preca: "Waqt il-prova kollox". Liema huma l-ilpup li jduru madwarna u fina, u x'qed nagħmlu fil-konfront tagħhom?

*An old Cherokee is teaching his grandson about life. "A fight is going on inside me," he said to the boy. "It is a terrible fight and it is between two wolves. One is evil – he is anger, envy, sorrow, regret, greed, arrogance, self-pity, guilt, resentment, inferiority, lies, false pride, superiority, and ego." He continued, "The other is good – he is joy, peace, love, hope, serenity, humility, kindness, benevolence, empathy, generosity, truth, compassion, and faith. The same fight is going on inside you – and inside every other person, too." The grandson thought about it for a minute and then asked his grandfather, "Which wolf will win?" The old Cherokee simply replied, "The one you feed."* (The Cherokee legend of the Two Wolves)

**[14]Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili, [15]bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti.**

Jekk il-mikri ma jħoss xejn għall-merħla, fir-ragħaj it-tajjeb/is-sabiħ tispikka l-kwalità tar-relazzjoni li għandu mal-merħla u ma' kull nagħġa. L-"għarfien" ifisser rapport profond, interjuri; ifisser ma tibqax fil-qoxra. Dan l-għarfien jimplika relazzjoni ta' intimità u passjoni, mibnija fuq l-istess imħabba tal-Missier lejn Ibnu; hi mħabba "miftuħa għall-ħajja".

Il-ħajja/l-ikel li r-ragħaj irid jgħaddi/jagħti lill-merħla hi l-ħajja tal-Missier. Din ir-relazzjoni intima trid tkun ukoll tiegħi ma' Kristu, li sejjaħli b'ismi (Ġw 10:3), għax jien għażiż f'għajnejh (Is 43:1.4). Fi proċess ta' gradwalità, jeħtieġ li nagħraf lil Alla u nkun magħruf minnu, biex nagħraf lili nnifsi fil-verità (ara 1 Kor 13:12). Fl-intimità tal-imħabba li tiġġenera l-ħajja m'hemmx mistħija. Dan jitlob li b'onestà, konvinzjoni u kostanza "ninża'" minn dak li jostorni quddiem min jista' jgħinni nikber fl-intimità mar-Ragħaj, miegħi nnifsi u mal-merħla. Fil-bidu, Adam kien għeri u bla mistħija. Id-dnub ġegħelu jaħbi l-għera tiegħu u jitgħatta (ara Ġen 2:25; 3:7.9). Jekk nitgħattew flok ninżgħu, la nirċievu u lanqas nagħtu l-ħajja.

**[16]Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed.**

L-Iben ma ntbagħatx biss għan-nagħaġ li ntilfu mid-dar ta' Iżrael (ara Mt 15:24) imma għall-ġens kollu tal-bnedmin (ara Ġw 11:52). Ir-ragħaj hu dak li jħalli d-disgħa u disgħin nagħġa biex ifittex il-mitlufa (ara Lq 15:4-6). Fil-vanġelu ta' Ġw tispikka d-dimensjoni mhux biss universali imma wkoll kożmika tal-imħabba salvifika: hi mħabba li taħlaq (1:3), iddawwal lil kull bniedem (1:9), u tħobb id-dinja kollha kif inhi (3:16).

Fil-film "The Hobbit: the Battle of the Five Armies", hemm djalogu bejn Legolas u Tauriel, meta messaġġier jgħid lil Legolas li missieru riedu jirritorna lura d-dar. Tauriel tgħidlu: "*Legolas, it is your king's command."* U legolas iwieġeb: "*Yes, he is my King… …but he does not command my heart.*"Jista' jiġri li nkunu lesti nagħtu ġisimna għall-ħruq imma mingħajr imħabba (ara 1 Kor 13:3). Ir-Ragħaj it-tajjeb/is-sabiħ jgħallimna "nedukaw il-qalb" biex inwessgħuha (*dilatatio cordis*), ħalli l-kapaċità tagħna tal-imħabba tikber u tħaddan anke lil dawk li ma jħaddahom ħadd. Anzi, din hi karatteristika propja tar-ragħaj, li ma jingħalaqx fil-maqjel tiegħu stess.

> [The education of the heart] *is growth in interiority, spiritual capacity, receptivity. It is the contemplative disposition of the soul implied in Benedict's foundational virtue, humility. The "education of the heart" involves refining the vessel of the heart. The Desert Fathers of Gaza, Barsanuphius and John, used the term "inner work" or "inner toil" which implies being worked upon. It is more properly co-operation with the work of God in our life rather than lifting ourselves up by our spiritual bootstraps. Growing in interiority, inner work, deeper integration – all of these notions are implied in Cassian's purity of heart.* (Esther DeWaal [ed.], The Monastic Spiritual Journey, [Word and Spirit. A monastic review, Vol. 15], 1993, 16-17)

**17 Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha. 18 Ħadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri".**

Fi Ġwanni, Ġesù ma jmutx imma jagħti ħajtu (19:30) biex anke l-mewt tagħti l-ħajja, għax "jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott" (Ġw 12:24). Il-qawwa/setgħa tad-dixxiplu-ragħaj tinsab propju fil-kapaċità tiegħu li jagħti ħajtu bħal Ġesù għall-merħla tiegħu (ara Ġw 13:34). Wieħed jista' jgħix ħajtu bil-biża' li jitlifha ftit ftit jew f'salt; inkella wieħed jista' jgħix ħajtu billi jagħtiha ftit ftit lil ħaddieħor. Min irid ikun ragħaj bħal Ġesù jrid jitgħallem iħobb bħal Ġesù u jagħti ħajtu bħalu għall-merħla.